

Brussell, 28 ta' Mejju 2026
(OR. en)

9820/26
ADD 1

Fajl Interistituzzjonali:
2026/0127 (NLE)

POLCOM 196
COASI 92

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	28 ta' Mejju 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2026) 250 annex
Suġġett:	ANNESSI tal- Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat għall-Kummerċ stabbilit mill-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal- Korea, min-naħa l-oħra, fir-rigward tar-reviżjoni tal-lista ta' individwi li huma lesti u kapaċi jservu bħala arbitri f'konformità mal-Artikolu 14.18 tal-Ftehim u r-reviżjoni tal-lista ta' esperti li huma lesti u kapaċi jservu bħala membri tal-bord f'konformità mal-Artikolu 13.15 tal-Ftehim

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2026) 250 annex.

Mehmuż: COM(2026) 250 annex



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 28.5.2026
COM(2026) 250 final

ANNEXES 1 to 2

ANNESI

tal-

Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat għall-Kummerċ stabbilit mill-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Korea, min-naħa l-oħra, fir-rigward tar-reviżjoni tal-lista ta' individwi li huma lesti u kapaċi jservu bħala arbitri f'konformità mal-Artikolu 14.18 tal-Ftehim u r-reviżjoni tal-lista ta' esperti li huma lesti u kapaċi jservu bħala membri tal-bord f'konformità mal-Artikolu 13.15 tal-Ftehim

ANNEX 1

DEĊIŻJONI Nru [X]2026 TAL-KUMITAT GĦALL-KUMMERĊ UE-KOREA

ta' [Jum u Xahar] 2026

dwar lista riveduta ta' individwi li huma lesti u kapaċi jservu bħala arbitri f'konformità mal-Artikolu 14.18 tal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Korea, min-naħa l-oħra

IL-KUMITAT GĦALL-KUMMERĊ,

Wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Korea, min-naħa l-oħra, iffirmit fi Brussell fis-6 ta' Ottubru 2010 ("il-Ftehim"), u b'mod partikolari l-Artikolu 14.18 tiegħu,

Billi:

- (1) Il-Ftehim jipprevedi mekkaniżmu għas-soluzzjoni tat-tilwim li permezz tiegħu kull tilwim jiġi solvut quddiem bord ta' arbitri.
- (2) F'każ ta' tilwima, il-partijiet għandhom jikkonsultaw lil xulxin biex jaslu għal qbil dwar il-kompożizzjoni tal-bord tal-arbitri u, jekk ma jaslux biex jaqblu, il-bord għandu jsir minn nies li isimhom ikun elenkat għal dan u jittella' bil-polza.
- (3) Fit-23 ta' Diċembru 2011, il-Kumitat għall-Kummerċ bejn l-UE u l-Korea adotta d-Deċiżjoni Nru 2⁽¹⁾ li tistabbilixxi lista ta' 15-il individwu li jistgħu jservu ta' arbitri fil-proċeduri tal-Bord skont l-Artikolu 14.18 tal-Ftehim.
- (4) Il-partijiet esprimew ix-xewqa tagħhom li jissostitwixxu xi wħud min-nazzjonali Koreani, nazzjonali mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u nonnazzjonali li jservu ta' presidenti fuq il-lista tal-arbitri. Sabiex din l-emenda tidħol fis-seħħ, il-lista riveduta ta' individwi għandha tiġi approvata mill-Kumitat għall-Kummerċ UE-Korea. Għalhekk, il-lista riveduta ta' individwi li huma lesti u kapaċi jservu bħala arbitri f'konformità mal-Artikolu 14.18 tal-Ftehim, kif stabbilit fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni, jenħtieġ li tiġi adottata,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-lista ta' individwi li jistgħu jservu ta' arbitri għall-finijiet tal-Artikolu 14.18 tal-Ftehim hija stabbilita fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Għall-Kumitat għall-Kummerċ

¹ Id-Deċiżjoni Nru 2 tal-Kumitat għall-Kummerċ bejn l-UE u l-Korea tat-23 ta' Diċembru 2011 dwar l-istabbiliment ta' lista ta' arbitri msemmija fl-Artikolu 14.18 tal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Korea, min-naħa l-oħra.

Kopresident tal-Kumitat għall-Kummerċ tal-Unjoni Ewropea

Kopresident tal-Kumitat għall-Kummerċ tar-Repubblika tal-Korea

[Isem]

[Isem]

LISTA TAL-ARBITRI

Arbitri proposti mill-Korea:

Insoo PYO

Seungwha CHANG

Sungjoon CHO

Joongi KIM

Jaemin LEE

Arbitri proposti mill-UE:

Mary FOOTER

Marcus KRAJEWSKI

Crenguta LEAUA

Joost PAUWELYN

Hélène RUIZ FABRI

Presidenti:

William DAVEY

Merit JANOW

Penelope Jane RIDINGS

Valerie HUGHES

Marco Tulio MOLINA TEJEDA

ANNEX 2

DEĊIŻJONI Nru [X]2026 TAL-KUMITAT GĦALL-KUMMERĊ UE-KOREA ta' [Jum u Xahar] 2026

**dwar lista riveduta ta' esperti li huma lesti u kapaċi jservu bħala membri tal-bord skont
fl-Artikolu 13.15 tal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati
Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Korea, min-naħa l-oħra**

IL-KUMITAT GĦALL-KUMMERĊ,

Wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u r-Repubblika tal-Korea, min-naħa l-oħra, iffirmit fi Brussell fis-6 ta' Ottubru 2010 ("il-Ftehim"), u b'mod partikolari l-Artikoli 13.15 u 15.1 tiegħu,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 13.15(3) tal-Ftehim, il-Partijiet għandhom jistabbilixxu lista ta' mill-inqas 15-il persuna li jkunu lesti u li kapaċi jservu bħala membri tal-bord fir-rigward ta' kwistjonijiet li jistgħu jqumu taħt il-Kapitolu 13 tal-Ftehim u li għandhom għarfien espert fil-kwistjonijiet koperti minn dan il-Kapitolu, speċjalment dwar il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli. Minn dawn l-individwi, mill-inqas ħamsa jridu jkunu persuni li mhumiex ċittadini ta' xi waħda mill-Partijiet u għandhom iservu bħala president tal-Bord ta' Esperti.
- (2) Fis-27 ta' Ġunju 2012, il-Partijiet ftehm u fil-Kumitat UE-Korea għall-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli bid-Deċiżjoni Nru 2/2012² dwar il-lista li tistabbilixxi roster ta' 18-il espert li jistgħu jservu bħala membri tal-bord. Din il-lista għet riveduta l-aħħar fl-2019 permezz tad-Deċiżjoni Nru 1/2019³ tal-istess Kumitat.
- (3) Il-partijiet esprimew ix-xewqa tagħhom li jissostitwixxu wħud mill-barranin li jistgħu jservu ta' president fil-lista ta' esperti.
- (4) Għalhekk, jenħtieġ li tiġi adottata lista riveduta ta' esperti li huma lesti u kapaċi jservu bħala membri tal-bord f'konformità mal-Artikolu 13.15 tal-Ftehim, kif stabbilit fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni,
- (5) Sabiex din l-emenda tidħol fis-seħħ, il-lista riveduta ta' esperti jenħtieġ li tiġi approvata mill-Kumitat għall-Kummerċ UE-Korea,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-lista riveduta ta' esperti li jistgħu jservu ta' membri tal-bord għall-finijiet tal-Artikolu 13.15 tal-Ftehim hija stabbilita fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

² Id-Deċiżjoni Nru 2/2012 tal-Kumitat UE-Korea dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli tas-27 ta' Ġunju 2012 dwar l-istabbiliment ta' Bord ta' Esperti msemmi fl-Artikolu 13.15 tal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Korea, min-naħa l-oħra.

³ Id-Deċiżjoni Nru 1/2019 tal-Kumitat UE-Korea għall-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli tat-30 ta' Settembru 2019 dwar lista riveduta ta' esperti li lesti u kapaċi jservu bħala membri tal-bord f'konformità mal-Artikolu 13.15 tal-Ftehim.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.
Magħmul fi [Brussell/Seoul], [Jum u Xahar] 2026.

Għall-Komitat għall-Kummerċ

Kopresident tal-Komitat għall-Kummerċ tal-Unjoni Ewropea

Kopresident tal-Komitat għall-Kummerċ tar-Repubblika tal-Korea

[Isem]

[Isem]

LISTA TA' ESPERTI

L-esperti msemmija mir-Repubblika tal-Korea:

Sung Wook LEE

Jaemin LEE

Chang Young KWON

Suh-Yong CHUNG

Taek-Whan HAN

Won-Mog CHOI

L-esperti msemmija mill-Unjoni Ewropea:

Eddy LAURIJSSEN

Jorge CARDONA

Karin LUKAS

Hélène RUIZ FABRI

Laurence BOISSON DE CHAZOURNES

Geert VAN CALSTER

Presidenti:

Brian LANGILLE

Kevin BANKS

Le HA THANH

Jill MURRAY

Ricardo MELÉNDEZ-ORTIZ

Nathalie BERNASCONI-OSTERWALDER